MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Numru 740/2009

**Pulizija**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Raymond Callus**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Raymond Callus ta' 46 sena, bin il-mejjet Carmel u Frances nee' Busuttil, imwieled Paola fis-26 ta' Awwissu 1962 u residenti fi Block 15, Flat 7, Trejqet is-Sardinell, Santa Lucija u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 544062(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'Gunju 2009, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-

istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Eileen Mifsud u tal-bank HSBC Bank Malta Ltd;

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' cekkijiet tal-HSBC Bank Malta Ltd., li jappartjeni lil Eileen Mifsud, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

3. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' diversi cekkijiet mic-cheque book tal-HSBC Bank Malta Ltd., li jappartjeni lil Eileen Mifsud, liema serq sar ghad-dannu ta' l-istess Eileen Mifsud u tal-bank HSBC Bank Malta plc., liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, u liema serq ghandu valur ta' inqas minn ghoxrin Euro (€20);

4. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew

biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’ qerq ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta’ K-Optics Ltd. u tal-bank HSBC Bank Malta Ltd;

5. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe’ cekkijiet tal-HSBC Bank Malta Ltd., li jappartjeni lil K-Optics Ltd., billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

F’Gunju 2009, u fix-xhur ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer

6. Rrenda ruhu komplici ma’ Rosianne Micallef fis-serq ta’ cheque book, ta’ l-HSBC Bank Malta Ltd, li jappartjeni lil K-Optics Ltd., liema serq ghandu valur ta’ inqas minn ghoxrin Euro (€20);

7. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ iktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta’ Ganni Court Association u tal-Bank of Valletta plc;

8. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’

tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' cekkijiet tal-Bank of Valletta plc, li jappartjeni lil Ganni Court Association, billi holoq pattijiet, dispozizzonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

9. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, rrenda ruhu komplici ma' Rosianne Micallef fis-serq ta' cheque book ta' l-Bank of Valletta plc, li jappartjeni lil Ganni Court Association, liema serq ghandu valur ta' inqas minn ghoxrin Euro (€20);

10. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' iktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Mr. & Mrs. Galea Souchet u tal-HSBC Bank Malta Ltd;

11. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' cekkijiet tal-HSBC Bank Malta Ltd, li jappartjeni lil Mr. & Mrs. Galea Souchet, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

12. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, rrenda ruhu komplici ma' Rosianne Micallef fis-serq ta' cheque book ta' l-HSBC Bank Malta Ltd, li jappartjeni lil Mr. & Mrs. Galea Souchet, liema serq ghandu valur ta' inqas minn ghoxrin Euro(€20);

13. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Stella Maris Co. Ltd. U tal-HSBC Bank Malta Ltd;

14. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' cekkijiet tal-HSBC Bank Malta Ltd, li jappartjeni lil Stella Maris Co. Ltd., billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

15. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, rrenda ruhu komplici ma' Rosianne Micallef fis-serq ta' cheque book ta' l-HSBC Bank Malta Ltd, li jappartjeni lil Stella Maris Co. Ltd., liema serq ghandu valur ta' inqas minn ghoxrin Euro (€20).

16. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe’ cekkijiet tal-HSBC Bank Malta Ltd, li jappartjeni lil JAG (Imports) Ltd., billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

17. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, rrenda ruhu komplici ma’ Rosianne Micallef fis-serq ta’ cheque book, ta’ l-HSBC Bank Malta Ltd, li jappartjeni lil JAG (Imports) Ltd., liema serq ghandu valur ta’ inqas minn ghoxrin Euro (€20);

B’hekk, Raymond Callus sar recidiv a termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tal-Qrati ta’ l-Appell, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-6 ta’ Novembru, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li huwa kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet u li huwa ghandu problema ta’ abbuz mid-droga izda kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv u li mill-fedina penali tieghu jirrizulta li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja f’diversi okkazzjonijiet u fil-fatt huwa kkommetta ir-reati li taghhom qed jinstab hati fil-kawza odjerna wara li kien ghadu kemm jiskonta perijodu ta’ tlettax il-sena prigunerija u ghalhekk jidher li huwa zgur m’gharafx jaqbad it-triq it-tajba. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva ghalkemm il-piena li ser tigi imposta ser tkun aktar lejn il-minimum imponibbli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17,18, 31, 42, 49, 50, 183, 184, 261, 269, 284, 285, 289, 308, 309, 310 (1) (a) u 310 (1) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah erba’ (4) snin prigunerija.

Wara li rat l-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien ma’ l-atti ta’ dawn il-proceduri jintbaghtu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------